MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 938/2011

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**vs**

**Martin Thomas u Marie Louise Bonnici**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ HSBC Bank Malta plc, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

In forza ta’ kuntratt in atti Nutar Dottor Marco Burlo’ tal-10 ta’ April 2008 (Dok. A), il-bank atturta lill-konvenut Martin Thomas facilita’ ta’ self fis-somma ta’ mija u tnejn u tmenin elf, sitt mija u tnejn u ghoxrin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€182,622.87) taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm elenkati u dan bhala “Maxicredit loan account” numru 18038558 (Dok. B).

In forza tal-istess kuntratt, il-konvenuta Marie Louise Bonnici kkostitwiet ruhha garanti solidali flimkien mal-konvenut l-iehor a favur il-bank attur sabiex tiggarantixxi l-hlas sew tal-kapital kif ukoll tal-imghax dovut taht il-facilita' ta' self fuq imsemmija. Inoltre, l-istess konvenuta ffirmat fit-8 ta' April 2008 garanzija a favur il-bank in konnessjoni mal-istess facilita' ta' self (Dok. C).

Il-konvenut mhux biss waqaf ihallas il-pagamenti mensili miftehma sa mill-20 ta' Novembru 2008 izda wkoll naqas milli jhallas il-premia dovuti in konnessjoni mal-*life insurance policy* u l-*home insurance policy* marbuta ma' din il-facilita' b'dan illi l-bank attur kien kostrett ukoll ihallas dawn il-premia u dan kif jirrizulta mill-anness prospett Dok. B.

L-ammont attwalment dovut lill-bank attur mill-konvenuti in solidum in konnessjoni mal-facilita' ta' self fuq imsemmija jammonta ghas-somma ta' mitejn u tmint elef, erba' mija u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€208,470.84) rapprezentanti in kwantu ghal mija u erbgha u tmenin elf, erba' mija u erbgha u erbghin ewro u tnax-il centezmu (€184,444.12) kapital u in kwantu ghal erbgha u ghoxrin elf u sitta u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€24,026.72) imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekors fuq il-kapital sal-4 ta' Awwissu 2011 kif jirrizulta mill-anness prospett Dok. B oltre l-imghax legali ulterjuri mill-4 ta' Awwissu 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali rispettivament datati 10 ta' Gunju 2010 izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha tigi intavolata l-kawza (Dok. D u Dok. E).

L-esponenti taf personalment bil-fatti fuq premessi.

Talbet is-socjeta' rikorrenti tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-bank attur is-somma komplessiva ta' mitejn u tmint elef, erba' mija u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmu

(€208,470.84) rapprezentanti in kwantu ghal mija u erbgha u tmenin elf, erba' mija u erbgha u erbghin ewro u tnax-il centezmu (€184,444.12) kapital u in kwantu ghal erbgha u ghoxrin elf u sitta u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€24,026.72) imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekors fuq il-kapital sal-4 ta' Awwissu 2011.

BL-imghax legali mill-4 ta' Awwissu 2011 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali tal-10 ta' Gunju 2010 kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Marie Louise Bonnici, li in forza taghha eccepiet illi:

It-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-kunsens taghha fuq il-kuntratt datat l-10 ta' April 2008 kien vizzjat u dana ghat-tenur tal-Artikoli 974, 976 u 981 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dovut partikolarment ghar-raggiri u artifizji frawdolenti da parte tal-Bank attur kif ser jigi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti ghandha tigi mehlusa mill-garanzija de quo dovut ghall-fatt illi ghalkemm il-bank kien jaf illi d-debitur principali ma kienx persuna idonea sabiex jikkontratta s-self principali, xorta wahda kkonceda l-facilita' u bil-premessi artifizji frawdolenti, il-Bank attur ottjena l-garanzija tal-istess eccipjenti;

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont mitlub huwa eccessiv ghal dak attwalment dovut, u jinkludi imghaxijiet li gew ikkalkulati hazin; u ghalhekk ghandhom isiru l-konteggi relattivi okkorrendo bin-nomina ta' periti komputisti sabiex issir din il-verifika.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Jannar 2012 fejn, fost hwejjeg ohra, deher l-intimat Thomas Martin mhux assistit li informa lill-Qorti li huwa ma kienx bi hsiebu jwiegeb ghall-kawza.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat l-affidavit prodott.

Semghet lid-difensuri jitrattaw il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

L-intimat Martin Thomas ma wegibx ghall-kawza. Fil-konfront tieghu, wara li fliet bir-reqqa d-dokumenti esebiti u semgeht ix-xhieda, il-Qorti m’ghandha ebda esitazzjoni tiddikjara li t-talbiet tal-bank rikorrenti huma pruvati u ghandhom jintlaqghu.

L-intimata l-ohra, Marie Louise Bonnici, li ggarantiet is-self mertu ta’ din il-kawza tallega li hija meta kkostitwiet ruhha garanti ghad-dejn ta’ Martin Thomas, li kien sieheb taghha ghal zmien twil, tant li mieghu kellha bint li llum ghandha xi sbatax-il sena, hija kienet soggetta ghal raggiri u artifizji frawdolenti da parti tal-Bank.

Il-Qorti tiskarta din l-allegazzjoni dwar il-Bank ghaliex mhux sostnuta minn ebda prova li ngabet lill-Qorti. Maria Xuereb, manager inkarigata mis-self in kwistjoni xehdet viva voce quddiem il-Qorti, tghid hekk:

“*Jiena lill-persuna li ggarantiet is-self nafha ghax tigi mir-ragel tieghi. Ma kienx hemm laqghat bejnietna. L-unika darba li giet kien meta kienu gew japplikaw ghall-facilita’. Jien spjegajtilha ghalfejn kien hemm bzonn lilha u kienu gew flimkien biex japplikaw ghall-facilita’. Ir-reazzjoni taghha kienet normali, kieku kien hemm reazzjoni mhux normali ma kontx nibqa’ ghaddejja u dan ghar-reazzjoni ta’ Louise Bonnici.*”

Il-Qorti ma sabet fil-provi ebda prova ta’ xi qerq. L-allegazzjoni li hija kellha tigi sostitwita bhala garanti minn

persuna ohra, cioe’ iben Thomas stess, ma giet pruvata bl-ebda mod. Ghalkemm din il-possibilta’ jidher li kienet esplorata, ma jirrizultax li qatt kienet giet promessa lilha.

Din il-Qorti tifhem li forsi l-intimata esperjenzat xi riluttanza meta giet biex tikkostitwixxi ruhha bhala garanti ghas-sieheb taghha li kienet tafu bhala persuna mhux affidabbli, madanakollu xejn mill-provi prodotti ma jwasslu lill-Qorti tifhem li hija ffirmat garanzija quddiem Nutar kontra r-rieda taghha. In-Nutar ma tressaqx biex jixhed. L-intimata nnifisha, sabiex tixhed in kontroezami sahansitra kellha tigi notifikata bil-procedura tal-pubblikazzjoni.

L-intimata ssostni inoltre li l-bank naqas meta silef lil Martin Thomas li kien maghruf bhala persuna inaffidabbli. Hawn ukoll din il-Qorti tqis li l-intimata m’ghandhiex ragun. Meta l-bank iddecieda li jislef lil Martin Thomas somma konsiderevoli ta’ kwazi €200,000 huwa kellu l-konfort ta’ ipoteka specjali fuq self-service store proprjeta’ tal-istess Martin Thomas, u ipoteka specjali fuq nofs indiviz ta’ appartament li, l-istess intimata ssostni li dak iz-zmien kien stmat li jiswa Lm110,000. Inoltre, sa dak iz-zmien, minkejja l-problemi li seta’ kellu, kien ghadu jahdem bhala “sub-contractor” mas-socjeta’ Playmobil bi dhul regolari. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, anke kieku l-affidabilita’ ta’ Martin Thomas kienet b’xi mod suspetta, il-Bank kien ben kopert. Anzi, l-insistenza tal-intimata fuq il-problemi li kellu Thomas dak iz-zmien, u li dawn kienu ben noti ghal kull min b’xi mod kellu x’jaqsam mieghu, tkompli tafferma l-fehma ta’ din il-Qorti li kienet hi li messha baqghet lura milli tipprovdilu garanzija.

Finalment, dwar l-allegazzjoni li s-somma reklamata mill-bank tinkludi imghax ikkalkulat hazin, din il-Qorti tinnota li ma ngabet ebda prova u ghalhekk din l-eccezzjoni titqies ukoll li ma tiswiex.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata Marie Louise Bonnici, fil-kontumacja ta’ Martin Thomas, tilqa’ t-talba ta’ HSBC Bank Malta plc u tikkundanna lil Martin Thomas u Marie Louise Bonnici in solidum bejniethom ihallsu lil

HSBC Bank Malta plc is-somma ta’ mitejn u tmint elef, erba’ mija u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€208,470.84), bl-imghax u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Martin Thomas u Marie Louise Bonnici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------